# LIL MARY MEYLAK

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Bint Għawdex ħlejju, demm il-Poeżija!
    Għannejja kbira ta' Lsien ħelu tagħna!
Tħobb mingħajr qies il-ħwejjeġ żgħar, moħbija
    u l-għanja toħolqilhom u ssemmagħna.
Jien ngħaddi sigħat sħaħ, fil-ferħ medhija,
    inqalleb kotba tagħha: proża u għana:
Insib kull paġna ta' kull ktieb mimlija
    bi ħlewwa li ttaffili l-qalb għatxana.
Mill-qabar qajmet lill-Granmastri kollha,
    mill-kliem ta' Lsienna ħolqot sa r-Rejiet,
        u tatna dehriet sbieħ ta' Rħula Għawdxija.
        Il-Villa tagħha—post tal-Fantażija—
    lil Malta Letterarja wisq għaniet:
Din Mary Meylak saħħret qalb il-folla.